**Ir-Raba' Ħadd ta' matul is-Sena**
Il-Ħadd 29 ta' Jannar 2023

# Aħbar Tajba



Sof 2, 3; 3, 12-13
Salm 145 (146), 7.8-9a.9bċ-10
1 Kor 1, 26-31
Mt 5, 1-12a

"Henjin l-imnikkta
**għax huma jkunu mfarrġa."**

Dr Tom Dooley kien żagħżugħ li ggradwa bħala tabib. Mal-ewwel sab xogħol man-Navy Amerikana u l-ewwel esperjenza kbira ta' ħajtu kienet meta l-bastiment li hu kien fuqu salva madwar elf refuġjat 'il barra mill-Vjetnam fuq biċċa dgħajsa li kienet għodda se tegħreq. Ħafna mir-refuġjati kienu morda u neqsin mill-ilma u nutriment. Billi Tom kien l-uniku tabib fuq il-vapur tistgħu timmaġinaw x'ġenn kellu jiġri minn pazjent għall-ieħor!

Kienet esperjenza li għejjietu tassew però rrealizza kif b'daqxejn mediċina tista' ssalva tant u tant ħajjiet. Meta kiteb fuq din il-ġrajja Tom ammetta li filwaqt li kien dahru maqsum idur il-pazjenti, kien kuntent. Anzi jżid jgħid li qatt ma kien daqshekk kuntent f'ħajtu. Fil-fatt kienet ġrajja li bidlitlu ħajtu mil-lejl għan-nhar.

Meta spiċċa min-Navy Tom iddeċieda li jsir missjunarju fil-ġungla tal-Asja u hemm ħadem biex iwaqqaf bħal kliniċi żgħar biex jaqdu lill-foqra tal-post. Għalih, waħda mill-isbaħ siltiet mill-Bibbja kienet dik li għadna kif qrajna li fiha Ġesù jipprietka l-Beatitudnijiet. "Imberkin l-imnikkta għax huma jkunu mfarrġa". Tinstema kuntradizzjoni, hux, qisha ma tagħmilx sens. Imma Dr Tom jispjega li tkun imnikket għax tħoss għat-tbatija li hemm madwarek. Tkun sensittiv għal min qed ibati. Tom jinsisti li jekk tagħmel xi ħaġa mal-batut bilfors li tħossok kuntent. Hi parti min-natura tagħna. Aħna hekk magħmulin! U din trid tipprovaha biex tinduna kemm hi vera.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù għandu din il-kelma sabiħa għalina – IMBERKIN – u dan jgħidu għal ħafna nies li f'din id-dinja mhux bilfors jidhru hekk!

Dawk li jġibu l-paċi; dawk li huma foqra jew mitluqa mill-bqija; dawk li jħobbu l-affarijiet isiru sew; dawk li ma jfittxux l-interessi tagħhom fuq kollox; dawk li jħennu għall-oħrajn.

Insomma naħseb l-Evanġelju tal-lum qed jisfidana biex inkunu persuni bħal dawn li Ġesù jsejħilhom imberkin. Fi tmiem dan id-diskors Ġesù jagħmlilna kuraġġ meta jgħidilna ħlas kbir għad jaqilgħu dawk li huma mberkin u naħseb taqblu miegħi li Ġesù jaf iħallas bil-kbir. Għalhekk ejjew fil-bidu ta' din is-sena nistinkaw biex inkunu henjin tassew, jiġifieri persuni sensittivi għall-oħrajn, qalbna tajba, u fuq kollox viċin tas-Sinjur Alla.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
FOLOL, ĠESÙ, MUNTANJA, FOQRA, IMNIKKTA, ĦELWA, ĠUSTIZZJA, QALBHOM, ĦNIENA, PAĊI, SALTNA, SMEWWIET, IFIRĦU, ĦLASKOM, KBIR

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Ġ | R | I | P | F | O | Q | R | A |
| Ħ | E | L | W | A | O | Q | A | O | S |
| A | S | T | E | Ċ | L | B | W | T | M |
| T | Ù | L | U | I | O | R | L | U | E |
| I | Ġ | Ħ | A | V | L | A | Q | N | W |
| M | U | N | T | A | N | J | A | D | W |
| N | S | IE | T | R | E | GĦ | L | A | IE |
| I | T | N | A | R | Ġ | A | B | Q | I |
| K | I | A | T | J | E | Ġ | H | A | F |
| K | Z | K | B | I | R | E | O | L | I |
| T | Z | A | R | I | N | B | M | B | R |
| A | J | Ħ | L | A | S | K | O | M | Ħ |
| S | A | L | T | N | A | Ġ | E | S | U |

Agħti l-kulur




“Henjin dawk li jħennu,

**għax huma jsibu l-ħniena.”**

## X'nista' nagħmel biex ingawdi ilma nadif?

Minħabba li aħna ngħixu fuq żewġ gżejjer, jimpurtana ħafna mill-ilma baħar u mill-ilma frisk. Inkunu nibżgħu għall-ilma baħar meta ma narmu xejn fih. Tiskanta kemm kull biċċa plastik żgħira toħnoq il-ħajja tal-ħlejqiet li jgħixu fih. Mela nagħmlu mill-aħjar biex narmu sew fil-bins li jkollna qrib u naraw li xejn ma jtir mar-riħ. Ta' min ifaħħar dawk il-postijiet ta' divertiment qrib il-baħar li jieħdu ħsieb dak li hu l-aktar qrib tagħhom.

Inħeġġu lill-familja u l-ħbieb tagħna biex inaqqsu l-użu tal-fuel fuq il- biċċiet tal-baħar. Jistgħu jużaw l-imqadef meta jidħlu bil-bajjiet. Hekk jonqos it-tniġġiż tal-baħar speċjalment fil-portijiet tagħna u jkollna dehra ħafna isbaħ ta' pajjiżna. Għall-grazzja t'Alla, pajjiżna jittratta d-drenaġġ qabel ma jintrema fil-baħar. Dan iserrħilna rasna wkoll.... ma ninsewx li aħna nħobbu nieklu l-ħut li jgħix fil-baħar ta' madwarna!

### Xi jniġġeż l-ilma frisk?

- Żjut, detergents, pestiċidji, żebgħa u thinners li jintremew fis-sinkijiet u toilets jispiċċaw fis-sistema tad-drenaġġ u jikkawżaw komplikazzjonijiet fit-trattament tiegħu.
- Il-kimika żejda li nagħmlu fil-ġonna u għelieqi jinġarru mal-ilma tax-xita.
- Iċ-ċomb, żejt u gomma tat-tyres jinġarru wkoll.
- Il-ħmieġ tal-annimali fit- toroq.
- Dak li jintrema barra bħal plastik, karti, loqom tas-sigarretti eċċ.

Ma ninsewx li aħna niddependu mill-ilma tax-xita... x'jiġri jekk dan ma jibqax nadif?




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.







**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.



mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION